MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 517/1997/1

**Alice Mifsud**

**v.**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta’ l-attrici Alice Mifsud minn sentenza moghtija fl-14 ta’ Jannar 2004 mill-Prim Awla tal-

Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut u deciz kif gej:
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Marzu 1997 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

“Illi hija l-uzufruttwarja tal-assi kollu tal-mejjet zewgha George Mifsud skond testment fl-atti tan-Nutar Dr. Frank X. Dingli tal-24 ta’ Lulju 1973 (Dok. A) u billi dan l-assi jikkomprendi l-magni u l-oggetti l-ohra elenkati fl-anness Dok. B appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejnha u zewgha; u billi l-konvenut impussessa ruhu minn dawn il-magni u oggetti u ghalkemm ripetutament interpellat, naqas li jroddhom lill-attrici; u billi l-attrici, bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u bhala uzufruttwarja generali tal-assi tal-mejjet zewgha ghandha dritt ikollha u tuzufruwixxi l-imsemmija magni u oggetti;

“Talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jikkonsenja magni u oggetti elenkati fid-Dok. A; u fin-nuqqas jigi mahrug mandat in factum ghall-ezekuzzjoni tal-istess.

“Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-31 ta’ Lulju 1996 u tal-14 ta’ Frar 1997 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

“1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris*.

“2. Illi l-attrici trid taghti prova tat-titolu li qeghda tivvanta fuq l-oggetti meritu tal-kawza.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u:

(i) L-eccipjent m’ghandux fil-pussess tieghu mobbli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi George u Alice Mifsud;

(ii) L-ghodda u l-magni li l-eccipjent ghandu fil-pussess tieghu huma kollha propjeta tieghu.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta in subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Ikkunsidrat illi:-

“Jigi l-ewwelnett osservat li l-konvenut eccepixxa preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*, izda permezz ta' verbal tas-26 ta' April 1999 din l-eccezzjoni giet irtirata. Ghalhekk il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni aktar ta' l-imsemmija eccezzjoni u se tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

“Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija wahda, cjoe’ jekk il-konvenut ghandux jigi kkundannat jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti elenkati fid-Dok. B anness mac-citazzjoni a fol. 6. L-attrici qeghda titlob dan lill-konvenut, wiehed minn uliedha miz-zwieg taghha ma’ George Mifsud li miet fl-24 ta’ Frar 1990 (ara fol. 141) u li sa kemm miet kien jiggestixxi n-negozju tal-gjojjellerija bl-isem ta’ Silver Mole li jinsab f’Moroni Street, Gzira. Dan qeghda taghmlu bhala kompartecipi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ma’ l-imsemmi zewgha u bhala uzufruttwarja ta’ l-assi ereditarja kollha ta’ l-imsemmi zewgha skond it-Tieni Artikolu tat-testment unica charta bejniethom esibit a fol 4 u 5 tal-process.

“Fost affarijiet ohra il-konvenut eccepixxa li l-ghodda u l-magni li ghandu fil-pussess tieghu huma kollha proprjeta’ tieghu.

“L-attrici xehdet hi stess u, wara li l-ewwel ikkonfermat li l-oggetti elenkati fid-Dok. B kienu nxtraw minn zewgha, qalet li ma teskludix li xi whud mill-oggetti elenkati u li kienu jinsabu fil-workshop tas-Silver Mole setghu kienu tal-konvenut ghax kien xtrahom hu (ara fol. 23 et seq.). Ipproduciet ukoll lil uliedha Carmelo (sive Lino), il-kbir li tista’ tghid hu x-xhud principali taghha (ara fol. 25 et seq., fol. 79 et seq. u fol. 106 et seq.), Tony (ara fol. 71 et seq.) u Joseph (ara fol. 89 et seq.) kif ukoll il-konvenut in subizzjoni (fol.29 et seq.). Barra minn dan il-konvenut xehed ukoll minn jeddu (fol. 120 et seq.).

“Carmelo Mifsud beda biex qal li wara l-mewt ta’ missieru damu sentejn jahdmu flimkien fil-hanut u li l-ahwa kellhom cavetta ghall-fond izda li gurnata minnhom skopra li s-serratura u l-katnazz gew mibdulin u ma setax jidhol izjed (fol. 25 et seq.). Izjed tard (fol. 111) Carmelo jghid li l-katnazz gie mibdul ezatt wara li miet missieru. Wara qal li ma jiftakarx meta nbidlet is-serratura izda zied jghid li setghu ghaddew tliet xhur minn meta miet missieru (fol. 118) u b’hekk zied il-konfuzjoni u wera inkonsistenza fil-provi ta’ l-attrici. Huh Tony (fol.73) jghid li l-katnazz inbidel malli miet missieru. Huh l-iehor Joseph (fol. 89 et seq.) jghid li meta mar biex jidhol wara erbat ijiem mill-mewt ta’ missieru sab li l-katnazz kien inbidel u ma setax jiftah bic-cavetta li kellu. Joseph jghid ukoll li l-makkinarju kollu kien ta’ missieru u b’hekk ikkontradica lil ommu (fol. 89 et seq) u lil Carmelo stess. Carmelo qal (fol. 83) li l-oggetti elenkati fid-Dok. B anness mac-citazzjoni kienu kollha ta’ missieru izda wkoll ammetta li xi ftit mill-makkinarju kienu tal-konvenut (fol. 81). Fil-kontro-ezami tieghu (fol. 106) Carmelo qal ukoll li l-konvenut kellu makkinarju tieghu u li missieru kellu wkoll. Carmelo jirrikonoxxi li l-konvenut kellu l-workshop tieghu.

“Il-konvenut xehed in subizzjoni (fol. 29) li huh Carmelo kien qallu li erba’ fran imsemmija fl-ewwel lok fid-Dok. B kien remihom hu stess u habib tieghu peress li kienu qdiemu. Allura l-omm kif tista’ titlob ir-restituzzjoni taghhom minghand il-konvenut specjalment meta Carmelo lanqas ma kkontradica l-asserzjoni soda tal-

konvenut? Kompla jghid li l-oggetti kollha elenkati fid-Dok. B huma tieghu hlief ghal dawn li ser jissemmew:

"Wiehed minn zewg safes
Plating machine kbira
Plating machine zghira
Gold melting machine
Buffer wiehed
Metal washing sink wiehed.

"Dawn apparti zewg magni ohra li bihom isiru c-cingi ta' l-arloggi u li fix-xhieda tieghu in subizzjoni l-konvenut qal li huma wkoll ta' missieru u li ghadhom fil-post.

"Fost l-oggetti pretizi mill-attrici fid-Dok. B hemm *"1 Press, 1 Expanding Roller, 1 Electric Roller".* Dwar dawn il-konvenut ighid kategorikament li huma propjeta' tieghu u pprometta li jesebixxi l-ircevuti dwar dawk l-oggetti kollha li huma propjeta` tieghu. Fil-fatt esebixxa diversi dokumenti minghajr ma ta spjegazzjoni liema minn dawn id-dokumenti jistghu jirreferu ghall-imsemmijin tliet oggetti. Izda lanqas l-attrici ma pproduciet xi dokumentazzjoni mnejn jista' jirrizulta li l-oggetti minnha pretizi kienu nxtraw minn zewgha. Fis-seduta tat- 30 ta' Ottubru 2001 (a fol. 117) Carmelo Mifsud ipprometta li jesebixxi *"kopji ta' meta xtrahom [missieru] u meta…..xtara l-magni [huh]"* izda dan baqa' m'ghamlux. Dak li esebixxa kienu kopji ta' ritratti u tad-denunzja ta' missieru fejn insibu elenku tal-makkinarju, fosthom *"Hydrolic Press" u "Roller w/2 sides".* Jekk il-*"Hydrolic Press"* huwiex l-istess *"Press" indikat fid-Dok. B u jekk ir-"Roller w/2 sides"* huwiex wiehed miz-zewg *"Rollers"* imsemmijin fid-Dok. B, <u>hadd</u> ma spjega.

"L-attrici fic-citazzjoni lppremettiet li l-oggetti kollha elenkati fid-Dok. B kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u zewgha George Mifsud. L-*onus probandi* kien fqha biex tipprova, imqar fuq bilanc ta' probabilta', dak li hija ppremettiet. Dan naqset milli taghmlu u l-provi huma ghal kollox inkonsistenti. Anzi mill-provi li hi ssottomettiet jirrizulta zgur li hemm numru ta' oggetti li jappartjenu lill-konvenut. Da parti tieghu l-konvenut elenka dawk l-oggetti li kienu jappartjenu lil

missieru u konsegwentement t-talba attrici se tigi milqugha limitatament ghal tali oggetti. Dwar iz-zewg magni li bihom isiru c-cingi ta' l-arloggi u li l-konvenut ammetta li huma ta' missieru, il-Qorti mhijiex ser tipprovdi stante li mhux inkluzi fid-Dok. B izda tirrakkomanda li *pro bono pacis* il-konvenut jikkonsenjahom ukoll lill-attrici.

"L-attrici qed titlob ukoll li fin-nuqqas li l-konvenut jikkonsenja l-oggetti in kwisjoni fit-terminu stabbilit mill-Qorti, jinhareg mandat *in factum.* Il-Qorti mhijiex se tipprovdi dwar din it-talba u l-attrici tkun tista' tipprocedi, jekk ikun il-kaz, skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 385 tal-Kap 12.

"Ghal dawn il-motivi:-

"Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament kif inghad billi tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici sa zmien xahar millum safe wiehed, plating machine kbira, plating machine zghira, gold melting machine, buffer wiehed u metal washing sink wiehed. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba li dwarha l-attrici tkun tista tipprocedi ulterjorment, jekk ikun il-kaz, skond il-ligi. Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTRICI</u>**

2. L-attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk hija interponiet appell minnha fejn talbet li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza billi, filwaqt li "tikkonfermaha fejn laqghet it-talba attrici limitatament ghal dak il-makkinarju msemmi fis-sentenza u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, tirrevokaha fejn cahdet il-kumplament ta' l-ewwel talba u cioe` dak il-makkinarju mitlub fl-att tac-citazzjoni u precizament f'Dok B li l-ewwel Qorti cahdet lill-attrici", bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

3. Min-naha tieghu, il-konvenut appellat wiegeb li din il-Qorti m'ghandhiex tvarja l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti u dana stante li t-tezi ta' l-attrici, kif temergi mill-provi prodotti, ma kienet "xejn kredibbli".

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Essenzjalment l-aggravju ewlieni ta' l-attrici appellanti huwa li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u kwindi waslet ghal decizjoni zbaljata dwar l-istess provi. Skond l-attrici hija qeghda titlob biss li jigi kkonsenjat lilha dak il-makkinarju li kien jappartjeni lilha u lil zewgha, jigifieri l-oggetti li jinsabu elenkati f'Dok B, esebit mal-provi. Dwar il-makkinarju mixtri mill-konvenut ma hemm ebda pretensjoni da parti taghha. Il-fatt li l-konvenut xtara makkinarju ma jeskludix il-fatt li jista' jkun hemm ukoll makkinarju li kien jappartjeni lill-genituri tieghu. L-azzjoni ta' l-attrici kienet proprju limitata ghal dak il-makkinarju li kien jappartjeni lilha u ma kienx jinkludi dak li seta' xtara binha, il-konvenut Michael Mifsud.

5. Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti u ma jidhrilhiex li hemm lok li tvarja minimament minn dak li gie deciz fl-ewwel istanza. L-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja id-diversi deposizzjonijiet u waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici ma rnexxilhiex tforni grad ta' prova sufficjenti biex tiggustifika t-talbiet taghha. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li sakemm ma jkunx hemm xi raguni serja u gravi talment li tiddetta diversament minn kif ikun gie deciz, din il-Qorti ma tiddisturbax dak l-apprezzament li jkun sar mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Analizi tal-provi turi li l-attrici kienet totalment incerta dwar min kien tabilhaqq sid il-makkinarju li hemm elenkat fil-prospett Dok B, a fol. 6 tal-process li gie esebit minnha. L-istess jista' jinghad ghad-diversi deposizzjonijiet moghtijin minn uliedha li xehdu biex jixhtu dawl fuq il-provenjenza, konsistenza u titlu ta' proprjeta` tal-makkinarju *de quo* li suppost kien ghadu jezisti fil-post tax-xoghol – hanut tad-deheb – tul il-hajja ta' missierhom. Anke fil-kaz ta' dawn ix-xhidiet, il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, rriskuntrat incertezza u nuqqas ta' konvinzjoni notevoli f'dak li hu accertament ta' fatti. Din il-Qorti sejra ticcita xi siltiet minn dawn id-deposizzjonijiet in konferma ta' dina l-insufficjenza fil-grad ta' prova mistennija min-naha attrici, bhala dik il-parti li qeghda tippromwovi l-azzjoni:-

- fol. 24 *et seq*, kontro-ezami ta’ l-attrici:
“Il-Qorti qeghdha tistaqsini kif inhi allura illi la darba c-cwievet kienu f’idejn il-konvenut ahna sirna nafu illi dawna l-oggetti m’ghadhomx fil-post u jiena nirrispondi illi nahseb illi ibni Lino rnexxielu jikseb ic-cwievet minghand il-proprjetarju tal-post u meta mar fil-post induna li dawna ma kienux hemm.”

X X X

“Huwa Lino li jista’ jghid kif dawna l-oggetti gew nieqsa minn dana l-post.

Jiena nista’ nghid li dawka l-oggetti illi hemm elenkati fid-Dokument B u li l-Qorti qrat li kienu nxtraw minn zewgi waqt iz-zwieg. Ma neskludix illi l-konvenut kien xtara xi oggett minnhom” (sottolinear tal-Qorti)

– fol. 80 *et. seq*, xiehda ta’ Carmel sive Lino Mifsud:
“Hemmhekk (i.e. fil-hanut) kien hemm makkinarju li (k)ien tad-deheb u (k)ien hemm xi magni li kienu ta’ Michael (i.e. il-konvenut).”

– fol. 112 *et. seq*, xiehda ta’ Carmel sive Lino Mifsud in kontro-ezami.
“Avukat: Dawk l-oggetti (sic) kien hemm xi oggetti li ma kenux baqghu fil-post mhux meta nbidlet is-serratura?

”Xhud: Qabel meta ahna konna mmorru konna nsibu l-affarijiet neqsin ghax cwievet kienu ghadhom qabel tal-katnazz ta’ qabel u meta konna mmorru (sic)” (sottolinear tal-Qorti)

Is-siltiet hawn fuq riportati huma brani sintomatici ta’ l-istat ta’ incertezza u konfuzjoni dwar il-pretensjoni attrici. Min-naha tieghu, il-konvenut xehed li huwa kien xtara parti mill-makkinarju u li dan kien kollu proprjeta` tieghu; kien hemm imbaghad makkinarju iehor li ma baqax servibbli biz-zmien u li kien hemm inoltre makkinarju iehor li ttiehed biex jintrema minn huh Carmel sive Lino Mifsud. Ir-ritratti li gew esebiti bhala parti mill-provi ta’ l-attrici (ara Dok.

CMB) ma jammontawx ghal prova konklussiva dwar it-titlu ta' proprjeta` tal-makkinarju reklamat mill-attrici. Kif allura tajjeb qalet l-ewwel Qorti, u din il-Qorti bhalha tahsibha,
"L-*onus probandi* kien fuqha biex tipprova, imqar fuq bilanc ta' probabbilita`, dak li hija ppremettiet. Dan naqset milli taghmlu u l-provi huma ghal kollox inkonsistenti. Anzi mill-provi li hi ssottomettiet jirrizulta zgur li hemm numru ta' oggetti li jappartjenu lill-konvenut".

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attrici bl-ispejjez ta' dina l-istanza a kariku interament tal-istess attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------